**12 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Giuseppe Mizzi

*versus*

George Xuereb

**Mastrudaxxa — Kummerċjant — Atti tal-Kummerċ — Inkompetenza "ratione materiae" — Art 5(i), Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-mastrudaxxa mhux essenzjalment negozjant, iżda meta x-xogħol tiegħu jassumi l-karatteri ta' impriża l-mastrudaxxa jiġi ekwiparat għal veru u proprju negozjant.*

*Kwalunkwe operazzjoni sussidjaria inerenti għall-kummerċ magħmula minn negozjant hija kwalifikata bħala att ta' kummerċ u għalhekk hija kompetenti tiegħu konjizzjoni tagħha l-Qorti tal-Kummerċ*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull opportun provvediment; talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira (£200) flus lilu mislufa "brevi manu" xi żmien ilu; bl-imgħaxijiet mill-4 ta' Settembru, 1964, kontra l-konvenut;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi in linea preliminari dini l-Qorti hija inkompetenti tiegħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae"; illi fil-meritu u mingħajr pregudizzju, id-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kemm għax l-azzjoni hija preskritta, u għal l-attur kien irrinunzja għall-flus li kien silfu;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione materiae". Fid-dibattitu orali l-attur irrileva li mastrudaxxa mhux essenzjalment neguzjant, molto più meta irriżulta li l-flus in kwistjoni ġew mogħtija lilu meta għadu kien sempliċi lavrant ta' mastrudaxxa. Il-konvenut irribatta dana l-argument billi għamel enfasi fuq il-fatt li l-flus servew biex huwa jkun jista', kif effettivament għamel, jiftaħ negozju ta' mastrudaxxa; u llum, comunque, il-konvenut hu-

wa negozjant fil-veru sens tal-kelma, għaliex impjega miegħu diversi ħaddiema, jispekula fuq ix-xogħol tagħhom u fuq il-materjali mixtrija.

*Ikkunsidrat:*

Li mid-depożizzjoni, mhux kontradetta tal-konvenut, irriżulta li l-konvenut kien ħa minn għand l-attur is-somma ta' £200, bl-intiża speċifika li huwa jiftaħ ħanut u jimpjegahom fin-negozju ta' mastrudaxxa. Gie pruvat li dawna l-flus servew għal *dana* l-istess skop; u fil-fatt illum, il-konvenut żviluppa dana n-negozju, għandu diversi lavranti impjegati miegħu, u jista' jingħad li llum il-konvenut jirrivesti l-karatteri meħtieġa ta' imprenditur.

Ikkunsidrat:

Li huwa veru kif ġie ritenut "che il semplice falegname non è essenzialmente commerciante, e la sua arte generalmente consiste nel provvedere i suoi avventori dell'occorrente in ciò che è pertinente all'arte sua, ed egli acquista in materiali solo per attuare la propria arte, mettendola in relazione coi *bisogni dei richiedenti" (Kollez. X, 741); iżda l-każ in disamina* joffri fattispecie aktar kompless*a* billi rriżulta li l-flus li ħa l-konvenut ġew impjegati fin-negozju li assuma, kif ġà intqal, il-karatteri ta' impriża. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza, mastrudaxxa simili huwa ekwiparat għal veru u proprju negozjant. (Kollez. XVIII, iii, 153; XIX, iii, 125).

Ikkunsidrat:

Li, inoltri, huwa paċifiku li l-konvenut, għalkemm neguzjant, bl-imsemmija flus seta' għamel att ta' natura ċivili, estraneu għan-negozju tiegħu, u dana jingħad kieku irriżulta li l-istess flus ġew impjegati għal skop ieħor li ma kellux x'jaqsam xejn man-negozju ta' mastrudaxxa. Fil-fatt, però, bl-

imsemmija flus il-konvenut akkwista u żviluppa n-negozju ta' mastrudaxxa, b'mod li dan l-att tiegħu jikkostitwixxi operazzjoni li tat oriġini għall-istess kummerċ tiegħu. Issa l-liġi fl-artikolu 5(i) Kod. Kum.) tikkwalifika bħala att ta' kummerċ kull operazzjoni dipendenti jew li għandha x'taqsam mal-attijiet tal-kummerċ imsemmija fl-istess artikolu. Dana jfisser li kwalunkwe operazzjoni suşsidjarja inerenti għall-kummerċ magħmula minn neguzjant hija kwalifikata bħala att ta' kummerċ, u skond il-ġurisprudenza, hija kompetenti tieħu konjizzjoni tagħha l-Qorti tal-Kummerċ. Infatti, kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "Camilleri vs. Spiteri" deċiża fl-14 ta' Frar, 1955, li l-att ta' mastrudaxxa li sejjer jixtri fond biex fih jeżerċita l-kummerċ u s-sengħa tiegħu, huwa att li jaqa' fil-kategorija ta' dawk l-atti enumerati fl-art. 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ ġa fuq ċitat (Kollez. XXXIX, i, Sez. I, 107), u li għalhekk hija kompetenti tieħu konjizzjoni, tieħu l-Qorti tal-Kummerċ.

Li fil-każ in kwistjoni, l-att tal-konvenut mhux biss kien aċċessorju tal-kummerċ tiegħu, iżda kien intiż prinċipalment biex permezz tiegħu huwa jista' jibda n-negozju li seħħ sal-lum.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha "ratione materiae", u tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur.